# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' April 2021**

**Rik. Div. Nru : 86/2021 JPG**

**Kawza Nru : 9**

**MF**

**Vs**

**NS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MF datat 4 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sebgha u tmenin (18.7.1987) (Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieġ il-partijiet kellhom tifla wahda B li llum ghandha tletin (30) sena.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Henri J Vassallo tat-22 ta' Marzu 2001 (Dok B – kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni anness.)*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabiet ma' persuni ohrajn.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-paragrafu numru (2) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg li gie ċċelebrat fit-18 ta' Lulju 1987.*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' NS datata 9 ta' April 2021, a fol 14 et seqq., li taqra hekk:

*Illi hija preliminarjament ticcara illi isimha huwa N pero hija maghrufa bhala NS skond id-dokument tal-identita' taghha, ghall-kull buon fini hawn anness ummarkat bhala Dok A w' ghaldaqstant hija titlob korrezzjoni fl-atti f'dan is-sens sabiex ma jkunx hemm problemi ta' registrazzjoni tas-sentenza finali;*

*Illi hija ticcara illi zzewget lir-rikorrenti fit-18 ta' Lulju, 1987 stante illi ghalkemm kien hemm korrezzjoni fil-korp tar-rikors promotur l-istess korrezzjoni ma kienetx riflessa fit-talbiet;*

*Illi din d-data ghandha tigi korretta qabel din l-Onorabbli Qorti tghaddi l-gudizzju taghha;*

*Illi qieghda tipprezenta wkoll certifikat taz-zwieg hekk kif mitluba taghmel minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2021, hawn anness u mmarkat bhala Dok B, flimkien mal-kuntratt tas-separazzjoni, hawn anness u mmarkat bhala Dok C, li qieghed jerga' jigi sottomess ghalkemm hemm kopja mar-rikors, stante illi l-kopja illi rceviet hi kellha l-ahhar pagna nieqsa u mhijiex konsapevoli jekk il-kopja li giet prezentata u tinsab fl-atti hijiex kompluta;*

*Illi hemm qbil mar-rikorrenti illi m'hemm l-ebda lok ghal rikonciljazzjoni pero' ticcara illi hija m'ghandhiex relazzjoni ma persuni ohra, a kuntrarju ta' dak sottomess minnu;*

*Illi tikkonferma illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet pendenti ta' manteniment;*

*Illi c-cirkustanzi huma tali li jissudisfaw id-dettami tal-ligi ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, dejjem bl-intiza illi d-data tigi korretta ghal dik tat-18 ta' Lulju, 1987, illi hija d-data taz-zwieg tal-kontendenti.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejnet il-partijiet.*

Rat in-nota ta' MF datata 29 ta' Marzu 2021 (vide fol 12);
Rat in-nota ta' NS datata 9 ta' April 2021 (vide fol 29);
Rat id-digriet taghha datat 16 ta' April 2021, li permezz tieghu id-data taz-zwieg ghandha taqra 18 ta' Lulju 1987' minflok '17 ta' Lulju 1987' (vide fol 35);
Rat id-digriet taghha datat 16 ta' April 2021 (vide fol 36);
Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MF** xehed (vide affidavit fol 13) illi huwa u NS ilhom legalment separati mit-22 ta' Marzu 2001 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Henri J. Vassallo (vide kuntratt a fol 4 et seqq. tal-process). Zied jghid illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla, illum maggiorenni u li ma hemm ebda manteniment dovut ghal binthom stante li dan dejjem thallas. Di piu' l-kontendenti kienu ghazlu li ma jaghtux manteniment lil xulxin fil-kuntratt ta' separazzjoni. Finalment ddikjara illi ilu f'relazzjoni ma' mara ohra ghal aktar minn ghaxar snin u b'hekk ma hemm ebda tama ghal rikonciljazzjoni.

**NS** xehdet (vide affidavit fol 30) u kkollaborat dak li xehed l-attur ghajr ghall-fatt li ma kienx minnu illi hija ghandha relazzjoni ma persuna ohra.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Lulju 1987, liema zwieg jgib certifikat numru 1112/1987 (Vide c-certifikat taz-zwieg a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo, nhar it-22 ta' Marzu 2001 (vide Dok B, kuntratt tas-separazzjoni fol 4 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jinsab sodisfacentement ipprovat illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1112/1987 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**